MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tat-30 ta' April, 2004

Talba Numru. 57/2004

**Lloyds (Malta) Limited bhala rapprezentanti ex lege tal-membri ta' Lloyds li jiffurmaw is-syndicates bni-numri JAT1245, KLN050, SDM0807, SAM0727, ATR0570 u SIM0994 u Rausi Insurane Agency Limited u Christopher Tirchett**

**vs**

**Maurice Chircop**

It-Tribunal;

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-13 ta' Jannar 2004 fejn gie mitlub li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lill-atturi s-somma ta' mija u sitt liri Maltin u tletin centezmu (Lm106.30) rapprezentanti danni kawzati mill-konvenut fuq il-karozza EBG295 propjeta' tal-attur Christopher Tirchett, assikurat mal-attur that polza comprehensive, li

ghalhekk huma surrogati fid-drittjijet tieghu, minhabba li l-konvenut bi traskuragni u nuqqas ta' tharis tar-rgolamenti tat-traffiku habat gol-isemmija karozza f'Santa Venera, nhar it-30 ta' Ottubru 2002, waqt li hu kien qed isuq il-karozza TFA 367.

Ra r-Risposta tal-konvenut fejn huwa eccepixxa li dak li talbu l-atturi ghandu jigi michud ghaliex il-konvenut m'huwiex hati ghall-incident mertu tal-Avviz.

Sema' x-xhieda ta' PS860 Keith Caruana, Christopher Tirchett, John Tabone, Mario Cumbo, Sally Tirchett u tal-konvenut. Ha konjizzjoni tac-cirkostani kollha tal-kaz u tad-dokumenti esebiti mill-partijiet.

Sema' t-trattazzjoni tal-avukati difensuri tal-partijiet.

Ikkunsidra:

Illi l-kaz jirrigwarda ncident awtomobilistiku li sehh fit-30 ta' Ottubru 2002 ,fi Triq Vincenzo Bugeja, Santa Venera bejn il-vettura bin-numru tar-egistrazzjoni EBG295 propjeta' tal-attur Christopjher Tirchett, li dakinhar tal-incident kienet qed tintuza minn martu Sally Tirchett u li kienet assikurata taht polza comprehensive mal-atturi, u l-vettura bin-numru tar-registrazzjoni TFA 367 misjuqa mill-konvenut.

Sally Tirchett xehdet li dakinhar tal-incident kellha l-vettura parkeggjata fi Triq Vincenzo Bugeja u kellha l-bieba ta' wara tan-naha tax-xellug daqxejn miftuha, jew ahjar imbexqa peress li hija kienet qed iddahhal lit-tifla fil-car seat. Tirchett spjegat lil hija kienet barra l-karozza u li l-bieba kienet qed tistrieh fuq saqajha meta f'daqqa wahda hasset il-bieba tingibed minn ma saqajha u hija ndunat li l-bieba kienet giet milquta mill-vettura tal-konvenut li kien qed isuq fl-imsemmija triq. Hija qalet l kien hem vetturi parkeggjati fuq iz-zewg nahat tat-triq.

Il-konvenut xehed li fid-data tal-incident huwa kien qed isuq il-vettura tieghu fi Triq Vincenzo Bugeja meta f'daqqa wahda hass il-mera tan-naha tas-sewwieq ittir. Huwa hareg mill-vettura u nduna li Sally Tirchett li kellha l-

vettura parkeggjata kienet fethet il-bieba u laqtitlu l-mera. Huwa jghid li ma kienx ra lil Tirchett tiftah il-bieba. Il-konvenut cahad li huwa kellu hsara fuq in-naha tal-lemin ta’ quddiem tal-vettura tieghu bhala konsegwenza tal-incident u meta gie mitlub jaghti spjegazzjoni dwar dan il-grif huwa rrisponda li l-vettura tieghu mimlija grif.

It-Tribunal ezamina bir-reqqa il-provi prodotti mill-partijiet u jidhirlu li l-verzjoni moghtija minn Sally Tirchett dwar kif sehh l-incident hija ferm aktar verosimili anki ghaliex hija korroborata mill-hsarat fiz-zewg vetturi u mix-xhieda tas-Surgent li nvestiga l-kaz. It-Tribunal jidhirlu li l-incident sehh ghaiex il-konvenut ma ndunax bil-bieba tal-vettura ta’ Tirchett li kienet mbexxqa u l-anqas induna bl-istess Tirchett l kienet barra mill-karozza, bil-bieba qed tistrieh fuq saqajha u qed iddahhal lit-tifla fil-car seat ta’ wara. Huwa naqas milli jara dak li koien ‘in plain view’ skond ma huwa obbligat li jahgmel sewwieq prudenti. In kwantu jirrigwarda t-tezi tal-attur li Tirchett fethet il-bieba u tajritlu l-mera irid jigi rilevat li huwa fl-ebda mument ma raha tiftah il-bieba. Inoltre l-hsara fil-vettura tieghu u fil-vettura ta’ Tirchett huma perfettament kompatibbli mal-verzjoni moghtija minn Tirchett. Il-konvenut isostni li huwa ma kellux grif fuq in-naha tal-lemin ta’ quddiem tal-vettura tieghu izda f’dan ir-rigward it-Tribunal jistrieh fuq ix-xhieda tas-Surgent li nvestiga l-kaz li mhux talli kkonferma li kien hemm din il-hsara fil-vettura tal-konvenut izda spjega wkoll li meta huwa gieghel lill-konvenut jirriversja biswit il-ettura ta’ Tirchett u meta qal lil din tal-ahhar tiftah il-bieba, huwa seta’ jikkonstata li l-hsara fiz-zewg vetturi kienet pefettament kompatibbli. Il-hsara fil-vettura ta’ Tirchett li kienet fit-tarf tal-bieba tindika li l-istess bieba kienet leggerment miftuha meta ntlaqtet u mhux li l-istess bieba infethet f’daqqa kif qed issotni l-konvenut

It-Tribunal ghalhekk jidhirlu li l–konvenut kien unikament responabbli ghall-incident ‘de quo’.

Il-quantum tad-danni reklamati mill-atturi bl-ebda mod ma gie kontestat mill-konvenut u fi kwalunkwe kaz l-istess atturi resqqu provi soddisfacenti in sostenn tat-talba taghhom fir-rigward.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta’ u jiddecidi billi jilqa’ t-talbiet attrici u konsegwentement jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-atturi s-somma ta’ mija u sitt liri Maltin u tletin centezmu (Lm106.30).

L-ispejejs ta’ din l-istanza ghandhom jigu sopportati nterament mill-konvenut skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------